sem & u

Diċembru 2016
Ħarġa nru 4

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt

# You are the light of the World

Mt 5,14

Promozzjoni Vokazzjonali

## *"Int id-dawl tad-dinja!"*

*Dan hu l-vers mill-Bibbja li aħna s-seminaristi xtaqna nenfasizzaw fl-okkażjoni tal-150 sena mit-twaqqif tas-Seminarju tagħna.*

Xi tfisser verament din il-frażi? Kif tista' tapplikaha għal ħajtek?

Sa minn meta kont għadek żgħir, inti bdejt tistaqsi. Kull meta rajt xi ħaġa ġdida tiġri quddiem għajnejk int xtaqt tifhimha aħjar. Dan bir-raġun, għax il-fakultà tal-mistoqsija tinsab f'kull bniedem. Fil-fatt, waħda mill-modi ta' kif nistgħu niddefinixxu l-bniedem hija:
"*Man is a being who asks questions*".
Dawn il-mistoqsijiet iqanqlu fik diversi sentimenti u xi kultant anki dwejjaq.

Waħda mill-mistoqsijiet li jistaqsi kull bniedem hi kif hu jista' jkun ta' ġid għalih innifsu u għall-oħrajn.



Hawnhekk hi meħtieġa l-għajnuna ta' xi ħadd li jiggwidak... li jkun għalik dawl.

F'dawn il-mument hu Kristu li jista' jgħinek!
Bħal donnu Ġesù jkun qiegħed jgħidlek:
"Ħabib, jekk trid, jien nista' nkun dawl għalik!"

Kristu jdawwallek ħajtek, iżda fl-istess ħin iħeġġek sabiex int ukoll tkun id-dawl għall-oħrajn.

Kif?
Fittex li tgħid kelma tajba u li tagħmel il-ġid!
Tieqaf qatt tistaqsi!
Ipprova ħalli togħma tajba fl-ambjenti li tkun fihom!

# Road to Guatemala 2017

*Ir-Rettur tas-Seminarju, Dun Richard N. Farrugia, nhar is-Sibt 15 ta' Ottubru 2016, ħabbar lill-komunità li fi tmiem is-sena ta' ċelebrazzjonijiet marbuta mal-150 anniversarju mit-twaqqif tas-Seminarju, is-seminaristi flimkien mal-formators se jagħmlu esperjenza missjunarja fil-parroċċa tal-missjunarju Għawdxi, Dun Anton Grech, fil-Gwatemala.*

Il-fatt li l-*logo* magħżul għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' din is-sena hu l-bieb prinċipali tas-Seminarju – bieb miftuħ – jikkonferma li s-Seminarju hu Dar fejn il-bniedem li jħoss is-sejħa tal-Mulej *jidħol* sabiex jirċievi l-formazzjoni ħalli mbagħad *joħroġ* bil-*mandat* sabiex jirgħa lil dawk li r-Ragħaj it-Tajjeb jafdalu. Il-*bieb miftuħ* irid ifisser ukoll it-tweġiba li s-Seminarju tagħna qiegħed jagħmel għas-sejħa tal-Papa Franġisku sabiex insiru dejjem aktar dik il-Knisja li min-natura tagħha hija *missjunarja*, li tevita l-*awto-referenzjalità*, li ma tibżax *toħroġ 'il barra* lejn il-*periferiji eżistenzjali* tal-umanità. Dan kien il-kuntest li fih nibtet l-idea ta' esperjenza li permezz tagħha s-seminaristi jkollhom l-opportunità li jgħixu konkretament is-sejħa li jkunu *dixxipli-missjunarji*.

Għaldaqstant il-komunità tas-Seminarju tagħna s-Sajf li ġej ser tgħix esperjenza missjunarja ta' tliet ġimgħat fil-missjoni ta' Dun Anton Grech fil-Gwatemala, preċiżament mill-Erbgħa 21 ta' Ġunju 2017 sal-Erbgħa 12 ta' Lulju 2017.

'Il quddiem jingħataw aktar dettalji marbuta ma' attivitajiet ta' ***fund raising*** li s-Seminarju se jorganizza b'risq il-missjoni ta' Dun Anton Grech fil-Gwatemala.





## Nifitħu l-Bibien tas-Seminarju tagħna!

Bħalissa s-Seminarju tagħna jinsab għaddej b'numru ta' ċelebrazzjonijiet li jfakkru l-150 sena mit-twaqqif tiegħu nhar l-4 ta' Novembru 1866. Huma mumenti li bdew hekk kif beda jersaq fi tmiemu l-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena u qed jissuktaw fi żmien li l-Papa Franġisku sejjaħlu "żmien ta' ħniena" (*Misericordia et misera* 21). L-attivitajiet kollha li saru sa issa matul ix-xhur ta' Novembru u Diċembru kienu waqtiet ta' grazzja biex *nifitħu l-bibien tas-Seminarju tagħna* u nduqu l-ħniena tal-Missier permezz ta' dawk li ltqajna magħhom kemm fis-Seminarju kif ukoll 'il barra minn ħitanu. Kif qalilna l-Qdusija Tiegħu f'għeluq is-Sena Mqaddsa, "il-komunitajiet tagħna għandhom *ikunu miftuħin* sabiex jilħqu lil dawk kollha li jgħixu fit-territorju tagħhom ħalli b'hekk il-karezza ta' Alla tasal lilhom permezz tax-xhieda ta' dawk li jemmnu" (*Ibid.*). Il-memorja storika ta' din id-Dar ta' formazzjoni turina kemm dan l-imkien sa mill-bidu kien *post ta' ħniena* (fil-fatt qabel kien Seminarju kien sptar għan-nisa foqra) u matul is-snin kien monument ħaj tal-ħniena li tant persuni wrew bl-imħabba u l-ġenerożità tagħhom lejn is-Seminarju. Sal-ġurnata ta' llum huma bosta l-benefatturi ta' qalb kbira li jagħmluha possibbli biex din id-Dar tkompli tkun *Qalb li tħabbat* fil-Knisja u s-soċjetà tagħna. Għaldaqstant għall-komunità tas-Seminarju dan l-anniversarju huwa fl-istess ħin sejħa biex *ninfetħu* lejn il-bniedem ta' żmienna u nwasslulu l-ħniena tal-Missier. Huwa dan l-iskop fl-għażla li qed nieħdu biex is-Sajf li ġej ngħixu esperjenza missjunarja fil-Gwatemala – hija għażla biex noħorġu u nifitħu l-bibien ta' qalbna fuq l-eżempju ta' Kristu li "ħareġ" mis-smewwiet u niżel jgħammar fostna l-bnedmin sabiex iwasslilna l-ħniena tiegħu bla tarf. Nawgura lilkom għeżież qarrejja, ħbieb u benefatturi tas-Seminarju tagħna Milied Qaddis li fih ilkoll induqu l-ferħ ta' *qalb miftuħa* li tilqa' lil Kristu u toħroġ twasslu lil dawk ta' qalbhom imnikkta. Il-Mulej iberikkom!

**Dun Richard N. Farrugia**
*Rettur tas-Seminarju*



***The Sacred Heart Seminary - The Heart of Gozo***
Ktieb riċerkat u miktub minn Mons. Joseph Bezzina fl-okkażjoni tal-150 anniversarju mit-twaqqif tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Ir-riċerka għall-kitba saret f'numru ta' arkivji f'Għawdex, f'Malta u f'Ruma. Ir-riżultat finali huwa ktieb bl-istorja tal-eqdem istituzzjoni edukattiva f'Għawdex, b'4 taqsimiet, 40 kapitlu, 256 paġna, u 176 ritratt storiku li ħafna minnhom qatt ma kienu ippubblikati qabel.
**Akkwista l-kopja tiegħek direttament mis-Seminarju bi prezz ridott.**

Il-Bord Editorjali, is-Superjuri tas-Seminarju u s-Seminaristi jawguraw
*il-Milied u s-Sena t-Tajba*
lill-Qarrejja kollha, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi tas-Seminarju.

# Mill-Għatba 'l Ġewwa...

Is-seminaristi Michael Grima, mill-parroċċa ta' San Lawrenz u Carl Scerri, mill-parroċċa ta' Marija Assunta fil-Belt Victoria, **ġew ordnati djakni minn Mons. Mario Grech** il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju, fil-Katidral ta' Għawdex.

Il-komunità tas-Seminarju reġgħet lura għal sena oħra ta' formazzjoni nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru. Is-Sibt 24, saret konferenza stampa fejn fiha ġew imħabbra l-attivitajiet marbuta maċ-*ċelebrazzjonijiet* tal-150 Sena Seminarju. Fil-jiem ta' wara sar l-irtir tal-bidu tas-sena. Il-Ħamis 29 ta' Settembru **ngħata bidu għas-sena akkademika** permezz tal-Quddiesa tal-Ispirtu s-Santu, immexxija minn Mons. Isqof Mario Grech.

Kull l-ewwel Ħamis tax-Xahar fil-Kappella tas-Seminarju saru ġranet ta' **talb għal aktar vokazzjonijiet**.

**Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Missjunarja** ġew organizzati diversi attivitajiet fosthom: *talk* dwar l-evanġelizzazzjoni l-ġdida minn Fr Martin Cilia MSSP u l-ikla tal-ġnus għall-istudenti tar-raba' sena tal-iskola tas-Seminarju Minuri.




Nhar il-Ġimgħa 4 ta' Novembru kienet ġurnata speċjali għall-komunità tas-Seminarju. **Fakkarna l-150 Sena tas-Seminarju** bi tliet mumenti speċjali: il-pontifikal fil-Katidral filgħodu, pranzu għas-saċerdoti kollha tad-djoċesi fis-Seminarju u filgħaxija adorazzjoni fil-kamerata. Tul Novembru u Diċembru saru diversi attivitajiet oħra biex ifakkru dan l-anniversarju.

Bejn it-Tnejn 7 u l-Ġimgħa 11 ta' Novembru saret ġimgħa ta' talb għal aktar vokazzjonijiet fil-parroċċa ta' San Lawrenz.

Is-Sibt 19 ta' Novembru, bil-għajnuna tal-*Aħwa Ħbieb tas-Seminarju* u diversi voluntiera ġiet organizzata **l-Ikla ta' San Martin**.

Is-Sibt 26 ta' Novembru ngħata bidu għas-sena liturġika l-ġdida permezz tat-**Tħabbira tal-Avvent** mir-Rettur u bil-preżentazzjoni tal-ikona tas-sena minn Loreta Grech.



Joseph Hili mill-parroċċa tax-Xagħra ngħata **il-ministeru tal-Akkolitat** minn idejn l-Isqof Mario Grech fir-Rotunda tax-Xewkija nhar is-Sibt 26 ta' Novembru.



Il-Komunità ċċelebrat **l-Immakulata Kunċizzjoni** permezz ta' diversi funzjonijiet liturġiċi fil-kappella tas-Seminarju.

Nhar it-Tlieta 13 ta' Diċembru, btala pubblika, filgħodu, is-seminaristi marru mixja jew kif inhi magħrufa magħhom bħala l-***Lungo Passeggio***.

**Qabel il-waqfa tal-Milied** saru diversi attivitajiet marbuta ma' dan iż-żmien. Fost dawn wieħed ta' min isemmi l-attività għall-abbatini u għall-gruppi tal-vokazzjonijiet, il-Quddiesa fl-għar, il-bibita mal-*lecturers* u fl-aħħar, il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru, l-attività flimkien mal-familjari tas-seminaristi. Is-seminaristi jirritornaw fis-Seminarju nhar it-Tlieta 3 ta' Jannar 2017.

**Il-Komunità tagħti merħba...**

...lil Dun Richard N. Farrugia li din is-sena beda l-ministeru tiegħu bħala Rettur tas-Seminarju.
...lil Dun Gabriel Gauci li ħa post Dun Richard bħala Viċi-Rettur tas-Seminarju u Prefett tal-Istudji.
...lis-Seminarista l-ġdid Joseph Bajada (mill-Parroċċa ta' Marija Bambina, ix-Xagħra).



Quddiesa ta' Radd il-Ħajr 'l Alla fil-Katidral



Pranzu għas-saċerdoti fis-Seminarju



Adorazzjoni fil-kamerata tas-seminaristi



Żjajjar tal-istudenti tas-sekondarja




Tnedija uffiċċjali tal-ktieb The Sacred Heart Seminary - The Heart of Gozo waqt il-kunċert Sur Sum Corda



Wirja 150 sena Seminarju

# Mill-Eku tas-Sena Intermedjarja


Seminarista
**Mario Mercieca**


**L-Għaqda**

Waħda mill-aktar affarijiet importanti fil-ħajja ta' kull persuna hija bla ebda dubju l-għaqda. Meta wieħed ikun jgħix f'post fejn hemm l-għaqda tista' tgħid li jkun kiseb kollox. Fl-esperjenza tiegħi ġewwa Centobuchi f'Monteprandone tista' tgħid li bejnietna fid-dar parrokkjali teżisti din l-għaqda, liema għaqda tagħmilha aktar faċli għall-persuna biex tkun kuntenta.



**Il-Ferħ**

F'din l-esperjenza, hawn ġewwa l-Italja, nista' ngħid li waħda mill-affarijiet li jgħinuni nikseb il-ferħ huma l-laqgħat. L-ewwel u qabel kollox il-laqgħat ma' Ġesù, iżda hemm diversi laqgħat oħra ta' għamliet differenti li jsiru fil-parroċċa matul il-ġimgħa. Il-laqgħa li mmexxi jien hija dik taż-żgħażagħ li jkunu ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof, jiġifieri żgħażagħ ta' bejn ħmistax u sittax-il sena. Il-ferħ li tħoss meta tkun qed tagħmel mixja ma' persuni bi tħejjija għal dan is-sagrament huwa kbir.



**Il-Biża'**

Huwa diffiċli li wieħed jonqos milli jitkellem fuq l-esperjenza tat-terremot fil-villaġġi tad-djoċesi tagħna. Li wieħed jesperjenza theżżiża ta' terremot hija xi ħaġa tal-biża' u tad-dwejjaq. Il-biża' u d-dwejjaq ikomplu jiżdiedu xħin tmur iżżur dawn il-villaġġi milquta minn dawn it-theżżiżiet kontinwi fejn tara nies li tilfu kollox, bl-unika ħaġa li jibqgħalhom hija t-tama li xi darba jerġgħu jitilgħu f'dawn il-postijiet fejn sa ftit ġranet ilu kienu jgħixu l-ħajja tagħhom ta' kuljum.



**It-Tbatija**

Kważi kull fejn tmur fid-dinja jeżisti l-faqar u fiċ-ċentru ta' din il-belt għandna l-grupp tal-*Caritas* fejn jien immur inservi tlett ijiem fil-ġimgħa. Il-*Caritas* hija stampa li turik it-tbatija ta' persuni li jinsabu mġarrbin mill-inġustizzji tal-ħajja. Hija esperjenza qawwija oħra li qed ngħix hawn ġewwa l-Italja.

